**PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**ONOR. IMĦALLEF MARK SIMIANA, LL.D**

*Rikors Ġuramentat Numru 518/2018 MS*

**Western Co. Limited**

**Vs.**

**B'digriet tas-26 ta' Frar 2019 ġew maħtura l-Avukat Dr Martin Fenech u l-Prokuratur Legali Joeline Pace Ciscaldi bħala kuraturi deputati biex jirrapresentaw lill-eredi mhux magħrufa tal-mejjet Nazzareno Ellul, u b'digriet tas-16 ta' April 2019 Salvatore Ellul, Roderick Ellul, Felix Ellul u Emanuel Ellul ġew awtorizzati jintervjenu fil-kawża *in statu et terminis***

Illum, 14 t'April, 2025

Kawża Numru: 4

Il-Qorti,

1. Rat ir-rikors ġuramentat preżentat mill-attriċi fl-24 ta' Mejju 2018, li bih wara li ppremettiet dan li ġej:

> Illi s-socjeta' attrici nnegozjat diversi vetturi mad-decuius Nazzareno Ellul liema negozju ta lok ghal zewg skritturi wahda datata 18 ta' Jannar 2010 (Dok A) u ohra datata 26 ta' April 2015 (Dok B).
>
> Illi, kif jirrizulta minn dawn iz-zewg skritturi, id-decuius kien debitur tas- socjeta' attrici.
>
> Illi mill-ammont originarjament dovut id-decuius kien hallas pagamenti pero l-ammont kien zdied ukoll minhabba li ddekorrew l-imgħaxijiet.
>
> Illi s-socjeta' attrici kienet debitament interpellat lid-decuius Ellul biex ihallas il-bilanc li kien dovut izda inutilment.

l-istess attriċi ipproċediet billi talbet lil din il-Qorti jogħġobha:

> 1. Tiddikjara illi l-konvenuti huma debituri tas-socjeta' attrici f'ammont li ghad irid jigi likwidat minn din l-Onorabbli Qorti in segwitu taz-zewg skritturi wahda datata 18 ta' Jannar 2010 (Dok A) u ohra datata 26 ta' April 2015 (Dok B).
>
> 2. Tillikwida dak dovut mill-konvenuti lis-socjeta' attrici.
>
> 3. Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lis-socjeta' attrici s-somma hekk likwidata.
>
> Bl-ispejjez inkluz dawk ta' mandat ta' sekwestru numru 723/18 u l-imghax u l- konvenuti ingunti in subizzjoni.

2. Rat ir-risposta preżentati mill-kuraturi deputati l-Avukat Dr Martin Fenech u l-Prokuratur Legali Joeline Pace Ciscaldi fil-11 ta' Marzu 2019[1], li permezz tagħha dawn wieġbu hekk:

> Illi l-esponenti mhumiex edotti mill-fatti u jirriżervaw li jissottomettu risposta ulterjuri meta jkunu jafu l-fatti.
>
> Fit-tieni lok wieħed irid jara jekk id-decujus Nazzareno Ellul huwa miżżewweġ u jekk iffirmat l-iskritturi l-mara tiegħu;
>
> Illi jekk ir-rikorrenti jaf l-eredi tal-mejjet Nazzareno Ellul dawn għandhom jinfurmaw lill-esponenti.
>
> Salv risposta ulterjuri.

[1] Fol.28.

3. Rat id-dikriet mogħti minn din il-Qorti, kif diversament presjeduta, fis-16 t'April 2019[2], li bih ġiet miċħuda talba sabiex din il-kawża tiġi konnessa mal-kawża bin-numru 568/2018 TA fl-ismijiet "Western Co. Limited vs. Salvatore Ellul et";

4. Rat id-dikriet mogħti fis-16 t'April 2019, li bih ġew awtorizzati jintervjenu *in statu et terminis* Salvatore Ellul, Roderick Ellul, Felix Ellul u Emanuel Ellul;

5. Rat ir-risposta ġuramentata preżentata fit-23 ta' Mejju 2019 mill-intervenuti fil-kawża[3], li biha huma sostnew dan li ġej:

    1. Illi fl-ewwel lok u *in linea* preliminari, stante illi t-talbiet attriċi huma msejsa fuq allegazzjoni ta' ammont dovut, huwa inkoncempibbli kif t-talbiet jindikaw li l-ammont reklamat għad irid jiġi likwidat minn dina l-Onorabbli Qorti. Bir-rispett dovut, din mhix kawża għal likwidazzjoni ta' danni, iżda kawża għal kanonizazzjoni ta' allegat kreditu. Huwa ben ovvju wkoll li r-rikors ġuramentat promotur ġie preżentat b'dan il-mod sabiex ma jitħallsux drittijiet tar-reġistru *ad valorem* mal-preżentata tal-kawża. L-esponenti jeċċepixxu illi indikazzjoni ċara tas-somma reklamata f'kawża ta' kanonizzazjoni ta' kreditu hija informazzjoni importanti sabiex huma jkunu jistgħu jiddefendu ruħhom. Għaldaqstant l-esponenti jeċċepixxu illi s-socjeta' attriċi għandha tippreżenta prospett dettaljat li jindika s-somma reklamata u kif din inħadment. Dan qed isir b'riserva għal preżentata ta' eċċezzjonijiet ulterjuri wara li dan il-prospett jiġi preżentat;

    2. Illi fit-tieni lok u wkoll *in linea* preliminari, l-iskritturi annessi mar-rikors ġuramentat jindikaw li l-allegat negozju mertu ta' dina l-kawża kien negozju ta' diversi vetturi. Mill-banda l-oħra ma ġie eżebit l-ebda dokument, bħal skritturi li jirregolaw it-trasferiment u / jew log books relattivi u dan minkejja l-obbligu li dokumenti bħal dawn jiġu preżentati mar-rikors ġuramentat promotur u dan sabiex l-esponenti jkunu jistgħu jiddefendu ruħhom. Għaldaqstant l-esponenti jeċċepixxu illi dawn id-dokumenti għandhom jiġu preżentati qabel jibda l-ġbir tal-provi u dan b'riserva għal preżentata ta' eċċezzjonijiet ulterjuri hekk kif l-esponenti jingħataw dawn id-dokumenti;

    3. Illi fit-tielet lok u wkoll *in linea* preliminari, l-esponenti jitolbu li s-socjeta' attriċi tippreżenta l-iskritturi oriġinali eżebiti mar-rikors ġuramentat u dan b'riserva għal eċċezzjonijiet ulterjuri hekk kif id-dokumenti oriġinali jitpoġġew fl-atti;

[2] Fol.30.
[3] Fol.34.

4. Illi fir-raba' lok, mingħajr preġudizzju għas-suespost u *in linea* preliminari, jiġi eċċepit illi s-socjeta' attriċi m'għandiex l-interess ġuridiku li tressaq dina l-azzjoni u dan stante illi l-iskritturi annessi mar-rikors ġuramentat promotur jindikaw illi l-allegat negozju kien sar man-negozju Gianluca Autodealers u mhux mas-socjeta' attriċi. Konvenjentament dan l-isem ġie ingassat u ħdejh inkiteb l-isem tas-socjeta' attriċi, liema korrezzjoni ġiet kontrassenjata biss mis-Sur Carmel Bianco;

5. Illi fil-ħames lok, mingħajr preġudizzju għas-suespost u in linea prelimimari, t-talbiet attriċi huma preskritti ai termini tal-Artikolu 2156(e) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

6. Illi fis-sitt lok, mingħajr preġudizzju għas-suespost, u fil-mertu tiġi eċċepita l-kawża illeċita ai termini tal-Artikolu 990 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

7. Illi fis-seba' lok, mingħajr preġudizzju għas-suespost, u fil-mertu jiġi eċċepit illi l-kawża tal-kuntratti li a bażi tagħhom l-attriċi tivvanta l-azzjoni tagħha hija waħda simulata;

8. Illi fis-seba' lok, mingħajr preġudizzju għas-suespost u fil-mertu, it-talbiet attriċi huma lkoll infondati fil-fatt u fid-dritt u jistoqq li jiġu lkoll miċħuda bl-ispejjeż kontra l-istess attriċi;

9. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri skond il-Ligi.

6. Rat ix-xiehda u d-dokumenti prodotti, u l-atti proċesswali fl-intier tagħhom;

7. Rat is-sentenza mogħtija fit-23 ta' Jannar 2025 minn din il-Qorti, kif diversament presjeduta, fil-kawża mibdija bir-rikors ġuramentat bin-numru 568/2018 TA fl-ismijiet "Western Co. Limited vs. Salvatore Ellul et";

8. Rat is-sottomissjonijiet bil-kitba li ġew preżentati;

9. Rat li l-kawża ġiet imħollija għall-udjenza tal-lum sabiex tiġi deċiża;

Ikkunsidrat:

10. Illi din hija kawża li permezz tagħha l-attriċi trid tiġi kanonizzata kreditriċi tal-eredi mhux magħrufa tal-mejjet Nazzareno Ellul. L-attriċi tgħid li l-kreditu tagħha

ġie magħruf u aċċettat minn Nazzareno Ellul permezz ta' żewġ skritturi privati datati 18 ta' Jannar 2010 u 26 t'April 2015.

11. Il-fatti rilevanti huma dawn.

12. Permezz ta' skrittura privata tat-18 ta' Jannar 2010[4], ġie mniżżel li Nazzareno Ellul xtara mingħand l-attriċi «*diversi vetturi ... li kienu ikkonsenjati lill-Joseph Grima Il-vasu*», u dan għall-prezz ta' €172,500, li kellhom jitħallsu permezz ta' rati mensili ta' €1,500 fix-xahar, «*inkluż l-imgħaxijiet*». Ġie miftiehem li jekk Ellul ikun moruż fil-pagament ta' żewġ skadenzi, huwa jiddekadi mill-benefiċċju tat-terminu u l-bilanċ ikun dovut f'daqqa. Bl-idejn, fuq il-parti tal-iskrittura li kienet tirregola l-prezz, tniżżel ukoll «*vetturi li kienu nxtraw mingħand Joseph Grima*». Din l-iskrittura ġiet iffirmata minn Nazzareno Ellul u minn Charles Bianco, li deher f'isem l-attriċi.

13. Bianco xehed li kien sar ħlas akkont fis-somma ta' €9,653[5]. Fis-17 t'April 2015, saret skrittura privata oħra[6] li permezz tagħha Grima ikkostitwixxa ruħu bħala veru, ċert u likwidu debitur tal-attriċi għas-somom ta' €172,500 u somma ġdida ta' €81,650 li dwarha kienet se tiġi ffirmata skrittura privata oħra fis-26 t'April 2015, u ntrabat mill-ġdid li jħallas dawn is-somom bin-nifs. Ellul, min-naħa tiegħu, intrabat bħala garanti solidali ta' Grima. Ġie maqbul li l-ħlas akkont kien sar jinqata' mill-bejgħ il-ġdid li kien se jsir fis-26 t'April 2015.

14. Fil-fatt fis-26 t'April 2005[7], saret skrittura privata oħra bejn Ellul u l-attriċi. Fiha wkoll ingħad li Ellul kien qed jixtri «*diversi vetturi*» mingħand l-attriċi, din id-darba għall-prezz ta' €81,650, liema prezz kellu jitħallas b'rati ta' €1,087 fix-xahar, inkluż l-imgħax. Sar ukoll l-istess patt dwar id-dekadenza mit-terminu. Din l-iskrittura hija ffirmata mill-istess persuni li ffirmaw l-iskrittura tat-18 ta' Jannar 2010.

---

[4] Fol.4.
[5] Ara x-xiehda ta' Charles Bianco, a fol.43.
[6] Fol.60.
[7] Fol.5.

15. Fl-istess dati tal-iskritturi privati tat-18 ta' Jannar 2010 u tas-26 t'April 2015, jidher li ġew iffirmati skritturi oħra aktar dettaljata bl-indikazzjoni tal-vetturi mibjugħa u l-valur rispettiv tagħhom, kif ukoll skeda tal-pagamenti[8]. Dan id-dokument ġie ffirmat minn Ellul u Grima, kif ukoll minn Conrad Pisani bħala xhud[9]. Pisani xehed li l-iffirmar tal-iskritturi sar «*fl-uffiċċju*»[10], filwaqt li Bianco xehed[11] li dan sar fix-*showroom* ta' Grima u Ellul fil-Mosta.

16. Intqal li Ellul u Grima kienu jagħmlu negozju flimkien konsistenti mix-xiri u l-bejgħ ta' vetturi[12]. Matul ħajtu Ellul kellu tmienja u tletin vettura reġistrata fuq ismu fi żminijiet differenti[13], li bosta minnhom kienu reġistrati fuqu għal żmien qasir qabel ma mbagħad ġew minnu trasferiti lil terzi persuni. L-ebda waħda minn dawn il-vetturi ma jidher li kienet reġistrata fuq l-attriċi qabel ma daret f'isem Ellul, għalkemm bosta minnhom inkisbu minn Ellul minn diversi negozjanti tal-vetturi oħrajn[14]. L-intervenuti iżda jgħidu li Nazzareno Ellul kien diżokkupat u jgħix bil-benefiċċji soċjali[15]. Intqal ukoll li Ellul għamel l-aħħar sentejn ta' ħajtu fl-Isptar Monte Carmeli u kien dieħel u ħiereġ mill-Isptar Mater Dei[16], u lanqas kien jaf jikteb u jaqra[17]. Irriżulta però li kien kapaċi jiffirma[18], anki jekk intqal li l-firma fuq l-iskritturi privati in kwistjoni tidher differenti mill-firma solita tiegħu. L-intervenuti sostnew li Ellul kien ibati minn dipressjoni u kien jirċievi mediċina minħabba f'hekk[19], u li kien bniedem sempliċi u vulnerabbli[20]. L-intervenuti lkoll xehdu li Ellul qatt ma qalilhom xejn dwar xi negozju ta' karozzi jew dwar l-obbligazzjonijiet li daħal għalihom mal-attriċi.

---

[8] Ara fol.52-57, u fol.47-51.
[9] Ara x-xiehda ta' Conrad Pisani, a fol.119.
[10] Fol.119.
[11] Din ix-xiehda ta' Charles Bianco ingħatat quddiem din il-Qorti, kif diversament presjeduta, fl-atti tal-kawża bin-numru 568/2018TA, li tinsab eżebita f'dawn l-atti (ara partikolarment fol.842).
[12] Ara x-xiehda ta' Conrad Pisani, a fol.118.
[13] Ara x-xiehda ta' Karen Cremona, a fol.226.
[14] Ara d-dokumenti eżebiti minn fol.233-348.
[15] Ara x-xiehda ta' Salvatore Ellul, a fol.191.
[16] Ara x-xiehda ta' Salvatore Ellul, a fol.192.
[17] Ara x-xiehda bl-affidavit ta' Roderick Ellul, a fol.201.
[18] Ara x-xiehda ta' Felix Ellul, a fol.403-404.
[19] Ara x-xiehda bl-affidavit ta' Roderick Ellul, a fol.201.
[20] Ara x-xiehda bl-affidavit ta' Emanuel Ellul, a fol.204.

17. Nies li kienu jafuh xehdu li, ħlief għall-aħħar tliet snin minn ħajtu, Ellul kien jifhmek meta tkellmu u kien kapaċi jitkellem lura ma' ħaddieħor[21]. Irriżulta li fis-7 ta' Marzu 2015 (allura ftit qabel saret it-tieni skrittura), Ellul iddaħħal l-Isptar Mater Dei[22]. Mill-file mediku tiegħu jirriżulta li ddaħħal dakinhar u żgur li kien għadu l-isptar sa l-għada. Jirriżulta wkoll li reġgħa ddaħħal l-isptar fl-24 ta' Ġunju 2015[23]. Però ma jirriżultax li bejn dawn id-dati huwa kien miżmum kostantement fl-isptar.

18. Sfortunatament, il-*file* psikjatriku dwar Ellul ma nstabx[24]. Irriżulta però li kien miżmum fl-Isptar Monte Carmeli fis-snin 2016 u 2017[25]. Jidher li huwa ddaħħal meta kien qed ibati minn delużjonijiet[26], u ġiet somministrata lilu mediċina anti-psikotika f'Marzu 2016. Irriżulta wkoll li huwa kien jieħu mediċina anti-psikotika sa mis-sena 2009[27].

19. Ellul miet fit-18 t'April 2018, ġuvni u improle. L-intervenuti fil-kawża irrinunzjaw għall-eredità tiegħu u għalhekk il-wirt tiegħu baqa' bâttal.

20. Bianco xehed li dawn l-iskritturi saru b'rabta mal-konsenja ta' vetturi li saru lil ċertu Joseph Grima *on consignment*, u li għalih kien daħal garanti Nazzareno Ellul[28]. Il-vetturi li kienu jiffurmaw l-oġġett tal-ewwel skrittura privata kienu wieħed u tletin waħda[29]. Il-vetturi li dwar it-trasferiment tagħhom saret it-tieni skrittura privata kienu tmintax-il waħda[30]. L-attriċi eżebiet ukoll ċertifikati barranin ta' esportazzjoni dwar dawn il-vetturi[31], salv tnejn[32].

---

[21] Ara x-xiehda ta' Joseph Borg, a fol.359-360.
[22] Fol.662.
[23] Fol.672.
[24] Ara x-xiehda ta' Dr. Joseph Vella Baldacchino, a fol.211-216.
[25] Ara x-xiehda tal-Profs. David Mamo, a fol.217.
[26] Ara x-xiehda tal-Profs. David Mamo, a fol.218.
[27] Ara x-xiehda tal-Profs. David Mamo, a fol.219.
[28] Ara x-xiehda ta' Charles Bianco, a fol.42.
[29] Fol.52.
[30] Fol.47.
[31] Fol.66-114.
[32] Dwar il-vetturi bir-reġistrazzjoni W825HRS u S430STL ma ġie eżebit ebda ċertifikat ta' esportazzjoni.

21. Billi ma sarux ħlasijiet ulterjuri, b'ittra datata 31 t'Awwissu 2015 l-attriċi sejħet lil Nazzareno Ellul sabiex iħallas id-dejn ta' Joseph Grima bħala garanti tiegħu[33]. Fis-16 ta' Frar 2018 saret sejħa għall-ħlas dwar iż-żewġ skritturi privati kemm fil-konfront ta' Ellul u kemm fil-konfront ta' Grima[34].

22. L-attriċi tgħid li Grima ħarab minn Malta u għalhekk qatt ma bdiet proċeduri fil-konfront tiegħu[35].

Ikkunsidrat:

23. Illi jmiss issa li neżaminaw l-eċċezzjonijiet li saru mill-wirt ta' Ellul u mill-intervenuti fil-kawża.

24. Qabel xejn il-Qorti tosserva li fl-ebda waqt ma ingħatat l-eċċezzjoni li l-kunsens ta' Nazzareno Ellul fuq l-iskritturi privati li fuqhom isserraħ l-azzjoni tagħha l-attriċi kien vizzjat, jew inkella li Ellul ma kellux il-kapaċità neċessarja biex jidħol f'kuntratti. Dan għalhekk ifisser li x-xiehda kollha mogħtija mill-intervenuti dwar l-istat mentali ta' Nazzareno Ellul hija irrilevanti. Il-Qorti tifhem li din l-eċċezzjoni ma ngħatatx minħabba li tinsab aktarx kontradetta mill-fatt li l-istess Ellul kien għamel kuntratti ta' donazzjoni favur l-intervenuti fil-kawża fil-21 ta' Jannar 2014 u fl-20 ta' Novembru 2015. Dawn il-kuntratti ta' donazzjoni, li kienu jifformaw il-meritu tal-kawża istitwita mill-attriċi permezz tar-rikors ġuramentat bin-numru 568/2018 TA, ġew imħassra favur l-attriċi b'sentenza mogħtija minn din il-Qorti, kif diversament presjeduta, fit-23 ta' Jannar 2025. Minn din is-sentenza sar appell li għadu pendenti.

25. Dan apparti l-fatt li l-provi jmeru għal kollox ix-xiehda tal-intervenuti Felix Ellul, Roderick Ellul u Salvatore Ellul[36] li Nazzareno Ellul kien bniedem li f'ħajtu m'għamel xejn u ma kien kapaċi jagħmel xejn. Il-provi juru li huwa akkwista u aljena numru notevoli ta' vetturi bil-mutur. Għalkemm l-intervenuti ippruvaw

[33] Fol.58.
[34] Fol.59.
[35] Ara x-xiehda in kontro-eżami ta' Carmelo Bianco, a fol.413-414.
[36] Ix-xiehda ta' Emanuel Ellul, mogħtija bil-mezz tal-affidavit, kienet ferm aktar kawta minn dik tal-intervenuti l-oħra.

iressqu l-persuni li suppost akkwistaw il-vetturi mingħandu, ix-xiehda tagħhom – minħabba t-trapass notevoli ta' żmien – kienet inkonklussiva. B'żieda ma' dan, jidher li Nazzareno Ellul għamel numru mhux żgħir ta' kuntratti dwar proprjetà f'ħajtu, li f'diversi minnhom huwa anki ġie ndikat bħala eżerċenti l-kummerċ[37]. Fatti dawn li jikkozzaw mal-verżjoni mogħtija mill-intervenuti.

26. Magħmula din l-osservazzjoni preliminari, huwa opportun li jingħad ukoll li huwa ċar li l-azzjoni tal-attriċi hija dik magħrufa bħala *actio constitutae pecuniae*, li hija dik l-azzjoni li biha jintalab il-ħlas skont ftehim (ara, per eżempju, ***Josephine Zammit vs. Victor Fiorentino***, Prim'Awla, 15 ta' Diċembru 2005). Essenzjalment l-azzjoni tal-attriċi hija appoġġjata fuq il-ftehim ta' garanzija li hija tgħid li l-mejjet Ellul iffirma favur tagħha.

27. L-eċċezzjonijiet ewlenin tal-intervenuti fil-kawża huma diretti lejn l-awtentiċità u l-ġenwinità tal-iskritturi privati li permezz tagħhom Ellul intrabat bħala garanti ta' Grima. Huwa għalhekk opportun li l-Qorti tagħmel sunt tal-prinċipji ewlenin li jirregolaw il-materja ta' skritturi privati, kif jirriżultaw mil-liġi u kif imfissrin fil-ġurisprudenza.

28. L-użu tal-iskritturi privati f'Malta huwa antik u ċertament li jippreċedi mhux biss l-ordinanzi li eventwalment ġew magħrufa bħala l-Kodiċi Ċivili u l-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, imma saħansitra l-leġiżlazzjoni li kienet promulgata mill-Ordni ta' San Ġwann matul is-seklu tmintax. Insibu fil-fatt spjegat hekk:

> Le scritture private o sono liberatorie o obbligatorie. Le scritture obbligatorie chiamansi ancora chirografi, cauzioni, singrafe, e le liberatorie diconsi propriamente apoche. Conosconsi anche le antapoche, le quali sono una specie di scrittura obbligatoria, e consistono in una dichiarazione fatta dal debitore e consegnata al creditore, in cui confessa d'aver pagato i lucri ecc. affinchè in questa maniera si veda essere stato riconosciuto il debito ed interrotta la prescrizione. In pratica però non conosciamo tante sottigliezze, e per lo più le scritture private, considerate in

[37] Fol.460, 462, 464, 466, 468.

> generale, chiamansi apoche o chirografi, tanto se sono liberatorie, che obbligatorie.[38]

29. L-iskritturi privati, bħal kull dokument ieħor, huma ammissibbli bħala prova. Fil-fatt l-artikolu 632 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili jipprovdi:

> (1) Kull dikjarazzjoni magħmula mill-parti kontra tagħha nfisha, u kull kitba oħra li jkun fiha konfessjonijiet, konvenzjonijiet jew obbligi, jistgħu jinġiebu bi prova.
> (2) Tista' wkoll tinġieb bi prova kull kitba, stampata jew le, skrizzjoni, siġill, bandiera, strument jew għodda ta' arti jew sengħa, talja jew talja bi tqabbil, mappa, sinjal jew marka, li tista' tagħti informazzjoni, tifsir jew raġuni tal-fatti miġjuba fil-kawża.

30. Il-liġi tal-proċedura tagħna tagħraf diversi kategoriji ta' dokumenti. Hemm (i) dokumenti li ma jeħtiġux prova dwar l-awtentiċità tagħhom u jitqiesu prova tal-kontenut tagħhom, salv il-prova kuntrarja[39]; (ii) dokumenti li wkoll jitqiesu prova tal-kontenut tagħhom, salv il-prova kuntrarja, diment li jkunu awtentikati[40]; u (iii) dokumenti oħrajn, li jservu ta' prova bħal kull prova oħra, u li jistgħu jinneċessitaw l-awtentikazzjoni.

31. L-iskritturi privati jinsabu f'din it-tielet kategorija ta' dokumenti. Dwar dokumenti li jkun fihom firem, il-liġi tipprovdi dispożizzjonijiet dettaljati dwar il-mod kif dawn jiġu verifikati. Skont l-artikolu 634(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, «*Il-persuna li kontra tagħha tinġieb karta li milli jidher tkun iffirmata minnha nfisha, hija obbligata li tiddikjara b'mod pożittiv jekk il-kitba jew il-firma hix tagħha jew le, u, fin-nuqqas ta' din id-dikjarazzjoni, din il-kitba jew firma tkun magħduda, sakemm ma jiġix ippruvat il-kuntrarju, li hija l-kitba jew firma tagħha*». Dan ifisser li jekk il-persuna indikata bħala awtur ta' firma ma tiddikjarax b'mod ċar li dik il-firma mhux tagħha, il-Qorti għandha tqis li dik il-firma tassew hija tagħha. Din il-preżunzjoni però hija *iuris tantum*, għaliex l-istess dispożizzjoni tagħmilha ċara li jekk jitressqu provi kuntrarji, il-preżunzjoni titqies megħluba. Ġie wkoll deċiż dwar din id-dispożizzjoni «*... che da siffatta disposizione si può dedurre che se la parte alla quale il documento viene*

[38] ***Antonio Micallef***, Trattato delle Procedure Civili nel Foro di Malta (Malta, 1839), Vol.I, §XXI, paġ.246.
[39] Artikoli 627 u 628 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.
[40] Artikoli 629 u 630 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

*opposto ne impugna l'autenticità, la prova incombe alla parte che produce il documento*»[41].

32. Għalhekk fejn il-preżunzjoni kontenuta fl-artikolu 634(1) ma tistax isseħħ, għaliex il-persuna indikata bħala awtur tal-firma tiddikjara espressament li l-firma mhux tagħha, jew fejn għal xi raġuni dik il-persuna ma tistax tieħu pożizzjoni mod jew ieħor (per eżempju, għaliex tkun mejta), jgħodd l-artikolu 635:

> 635. Meta hu meħtieġ li tiġi vverifikata l-kitba ta' min ikun kiteb jew iffirma dokument, dik il-prova tista' ssir –
> (a) billi l-kitba tiġi magħrufa minn min ikun kiteb jew iffirma d-dokument;
> (b) b'xhieda li raw lill-persuna tikteb jew tiffirma d-dokument;
> (ċ) b'xhieda illi, għalkemm ma rawx lill-persuna tikteb jew tiffirma d-dokument, ikunu jagħrfu l-kitba tagħha;
> (d) bit-taqbil ta' kitba ma' oħra, jew b'ċirkostanzi oħra jew konġetturi;
> (e) b'periti tal-kitba, meta tkun kitba diffiċli biex tiġi ivverifikata.

33. Ir-regoli fuq elenkati, kompriża l-klassifikazzjoni tad-dokumenti, ukoll huma antiki fl-oriġini tagħhom, tant li nsibu klassifikazzjoni simili elenkata anki qabel ġiet promulgata l-Ordinanza li eventwalment saret il-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili[42]. Fil-fatt kien minn żmien ilu miżmum li:

> Qualunque dichiarazione fatta da una parte contro se stessa essendo dalla legge tenuta come la prova più convincente che contra la medesima si possa avere; qualunque scritto contenente confessioni, convenzioni, obblighi, &c. e quindi le cambiali, polizze di carico, lettere commerciali d'avviso, apoche private, &c., sono tutti documenti in se stessi probatori, ma se ne deve sempre provare l'autenticità, della quale prova ausiliare il peso è sempre a carico del producente, quando non se ne facesse l'ammessione dalla parte contraria.[43]

---

[41] ***Capt. Dowe Bell, R.A. nomine vs. Hare nomine*** (Kummerċ, 6 ta' Mejju 1899 – Kollezz. Vol.XVII.iii.25).

[42] Ara ***Ignazio Bonavita***, Saggio sulla Prova Giudiziaria (Malta, 1844), §§117-119.

[43] ***Bonavita***, op cit, §120.

34. Il-liġi tagħna[44] ma timponix ħafna ħtiġiet għall-validità ta' skrittura privata[45]. Effettivament l-uniku ħtieġa mposta hija dik kontenuta fl-artikolu 1233(2) tal-Kodiċi Ċivili, u ċjoè:

> Jekk, fil-każ ta' kitba privata, il-kitba ma tkunx iffirmata minn kull waħda mill-partijiet, għandha tiġi awtentikata bħal ma jingħad fl-artikolu 634 tal-Kodiċi ta' Organizazzjoni u Proċedura Ċivili.

35. Ir-riferenza hawnhekk hija, partikolarment, għat-tieni subinċiż tal-artikolu 634 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, li jgħid hekk:

> Jitqiesu wkoll veri, bla ħsara tal-prova kuntrarja, il-firem u sinjali b'salib flok firem awtentikati minn avukat, nutar jew prokuratur legali, meta, fl-awtentikazzjoni, l-avukat, in-nutar jew il-prokuratur legali jiddikjara li ġew magħmula quddiemu u, meta l-persuna ma tkunx taf tiffirma isimha, quddiem żewġ xhieda ffirmati fl-istess att, u li huwa nnifsu żgura ruħu mill-identità tal-persuni li għamlu dik il-firma jew dak is-sinjal flok il-firma.

36. Minn dan kollu jinżel li skrittura privata titqies valida fejn (i) tiġi ffirmata mill-partijiet kollha, jew (ii) fejn ma tkunx ġiet iffirmata mill-partijiet kollha, tkun ġiet ukoll awtentikata minn avukat, nutar jew prokuratur legali li fl-awtentikazzjoni jiddikjara li l-firma saret quddiemu. Fejn l-iskrittura ma tkunx ġiet iffirmata mill-partijiet kollha minħabba li xi ħadd minnhom ma jafx jiffirma ismu, huwa meħtieġ li l-avukat, in-nutar jew il-prokuratur legali fl-awtentikazzjoni jniżżel ukoll li l-firma jew is-sinjal saru fil-preżenza ta' żewġ xhieda li huma meħtieġa li jiffirmaw ukoll, u li hu stess żgura ruħu mill-identità tal-firmatarji jew tal-persuna li tkun għamlet sinjal minflok firma[46]. Għalkemm huwa meħtieġ li x-xhieda jkunu idonji, mhux neċessarju li l-avukat, nutar jew prokuratur legali li jagħmel l-awtentikazzjoni jiddikjara l-idonjità tagħhom, kif lanqas ma huwa neċessarju li jiddikjara l-post

---

[44] B'differenza, il-Kodiċi Ċivili Franċiż, magħruf bħala l-Kodiċi Napoljoniku, kien fih sub-titolu speċifiku kontenenti diversi dispożizzjonijiet li jirregolaw l-iskritturi privati (artt.1322-1332). L-istess kien fih il-Kodiċi Ċivili Taljan tal-1865 (artt.1320-1331). Dan apparti dispożizzjonijiet oħrajn li anki jirregolaw il-mod kif isiru kopji tagħhom.

[45] Lanqas id-data ċerta ma hija xi ħtieġa għall-validità tal-iskrittura privata. Fid-deċiżjoni ***Capt. Foti Macrè vs. Negte. Giuseppe Muscat no.*** (Kummerċ, 13 ta' Frar 1894 – Kollezz. Vol.XIV.88) ġie miżmum li l-iskritturi privati ma jippreġudikawx terzi proprju għaliex jistgħu jiġu datati b'lura.

[46] Ara, per eżempju, ***Conte Sac. Francesco Teuma Castelletti vs. Marchese Giuseppe Mallia Tabone*** (Appell Superjuri, 30 ta' Novembru 1925 – Kollezz. Vol.XXVI.i.335); ***Sebastiana Cauchi vs. Giorgio Debono*** (Prim'Awla, 14 ta' Novembru 1940 – Kollezz. Vol.XXX.ii.331).

fejn qed issir l-awtentikazzjoni[47]. Dawn il-ħtiġiet jgħoddu mhux biss għall-iskrittura privata iżda wkoll għal kull bidla jew emenda li ssir fiha[48].

37. Il-ġurisprudenza ammettiet bħala validi skritturi privati li jiġu ffirmati f'żewġ kopji fejn kull parti tiffirma fuq kopja waħda. F'każ minnhom, żewġ ittri uffiċċjali li fihom saru offerta u aċċettazzjoni tqisu li flimkien jikkostitwixxi skrittura privata fis-sens tal-liġi[49]. Fejn madanakollu l-iskrittura tkun iffirmata biss minn parti waħda, titqies invalida anki fejn dik il-kopja ffirmata tkun fil-pussess tal-kontro-parti li ma ffirmatx l-iskrittura[50].

38. Fejn l-iffirmar tal-iskrittura ma jsirx f'wieħed mill-modi msemmija, il-konsegwenza tkun in-nullità tal-iskrittura. Jekk l-iskrittura tkun nulla, l-obbligazzjoni li nħolqot biha titqies ineżistenti kemm-il darba l-liġi tippreskrivi b'mod espress il-forma skritta *ad validatem*. Il-kuntratt tal-garanzija huwa fil-fatt wieħed minn dawk il-każijiet li għalihom il-liġi tippreskrivi l-forma skritta[51]. Kien hemm xi deċiżjonijiet li żammu li fejn l-iskrittura privata ssir għall-ħolqien ta' kuntratt ta' garanzija, tkun valida anki jekk ma tiġix iffirmata mill-kreditur, għaliex il-kuntratt ta' garanzija huwa kuntratt unilaterali[52].

39. Fejn l-iskrittura ma tkunx meħtieġa *ad validatem* u tkun saret biss *ad probationem*, l-obbligazzjoni tista' xorta waħda tingħata effett jekk il-konvenzjoni li ħolqitha tkun tirriżulta suffiċċjentement mill-provi[53], li jistgħu anki

---

[47] Ara f'dan is-sens ***Angelo Grima vs. Salvatore Cini*** (Prim'Awla, 29 ta' Mejju 1944 – Kollezz. Vol.XXXII.ii.48).
[48] Ara f'dan is-sens ***Negoziante Giuseppe Aquilina vs. Marianna Rizzo ed altri*** (Appell Superjuri, 12 ta' Diċembru 1930 – Kollezz. Vol.XXVII.i.671).
[49] Ara ***Riccardo Borg vs. Guglielmo Dimech*** (Appell Superjuri, 22 t'Ottubru 1920 – Kollezz. Vol.XXIV.i.575), kif ukoll ***Joseph Coppini vs. Victor J. Salomone, Ph.C., D.D.S.*** (Appell Superjuri, 28 ta' Frar 1944 – Kollezz. Vol.XXXII.i.26).
[50] ***Vincenzo Drago vs. Carmelo Farrugia*** (Prim'Awla, 28 ta' Marzu 1935 – Kollezz. Vol.XXIX.ii.412); ***Illmu u Revmu. Mons. Lorenzo Spiteri vs. Emmanuele Buhagiar et*** (Appell Superjuri, 20 ta' Jannar1961 – Kollezz. Vol.XLV.i.1). Ara però f'sens kuntrarju ***Giovanni Portelli et vs. Giuseppe Schembri*** (Prim'Awla, 31 ta' Mejju 1946 – Kollezz. Vol.XXXII.ii.368).
[51] Artikolu 1233(1)(ċ) tal-Kodiċi Ċivili.
[52] F'dan is-sens hemm ***Paolo Buhagiar vs. Giovanni Bencini, M.L.A., ed altri*** (Prim'Awla, 30 ta' Marzu 1927 – Kollezz. Vol.XXVI.ii.408); ***Vincenzo Drago vs. Carmelo Farrugia*** (Prim'Awla, 28 ta' Marzu 1935 – Kollezz. Vol.XXIX.ii.412); ***Joseph M. Formosa noe vs. Carol Peralta noe et*** (Kummerċ, 11 ta' Diċembru 1985 – Kollezz. Vol.LXIX.iv.558).
[53] ***Luigi Mifsud vs. Leone Gambin*** (Prim'Awla, 16 ta' Marzu 1943 – Kollezz. Vol.XXXI.ii.255); ***Edgar G. Soler ne. et vs. H.H. Sir David Campbell ne*** (Prim'Awla, 29 t'Ottubru 1949 – Kollezz. Vol.XXXIII.ii.431).

jkunu orali. Ġie anki deċiż li fejn l-obbligazzjoni ma tkunx waħda li għaliha l-liġi teżiġi l-forma skritta, skrittura privata ma titqisx nulla jekk ma tiġix iffirmata skont ir-regoli mfissra aktar qabel, diment li l-iffirmar ikun awtentikat kif imiss[54].

40. Hekk riassunti l-prinċipji ewlenin li jirregolaw il-validità ta' skritturi privati u l-awtentikazzjoni u l-verifika tagħhom, imiss issa li l-istess jiġu applikati għall-każ li għandha quddiemha l-Qorti.

41. L-attriċi ipproduċiet in sostenn tal-azzjoni tagħha is-segwenti skritturi:

(i) skrittura ta' bejgħ bid-data 18 ta' Jannar 2010, li tidher iffirmata minn Charles Bianco f'isem l-attriċi u minn Nazzareno Ellul[55]. Isem l-attriċi huwa miktub bl-idejn minflok il-kliem "Gianluca Autodealers", li huma ngassati;

(ii) skrittura ta' dejn u garanzija bid-data 18 ta' Jannar 2010, li tidher iffirmata minn Nazzareno Ellul u minn Grima[56]. Hemm ukoll il-firma ta' Conrad Pisani bħala xhud. Din l-iskrittura ma jidhirx li ġiet iffirmata minn Bianco;

(iii) skrittura datata 17 t'April 2015, li tidher iffirmata minn Charles Bianco f'isem l-attriċi, minn Nazzareno Ellul u minn Grima[57]. Hemm ukoll il-firma ta' Conrad Pisani bħala xhud;

(iv) skrittura ta' bejgħ bid-data 26 ta' April 2015, li tidher iffirmata minn Charles Bianco f'isem l-attriċi u minn Nazzareno Ellul[58]. Isem l-attriċi huwa miktub bl-idejn minflok il-kliem "Gianluca Autodealers", li huma ngassati;

(v) skrittura ta' dejn u garanzija bid-data 26 ta' April 2015, li tidher iffirmata minn Charles Bianco f'isem l-attriċi, minn Nazzareno Ellul u minn Grima[59]. Hemm ukoll il-firma ta' Conrad Pisani bħala xhud. B'din l-

[54] ***Lewis Farrugia, A.I.C. ne. vs. Ġanni Piscopo*** (Appell Superjuri, 31 ta' Mejju 1943 – Kollezz. Vol.XXXI.i.627). Ta' min wieħed isemmi li f'din id-deċiżjoni, il-Qorti tal-Appell waslet għall-konklużjoni tagħha abbażi tat-test ingliż tal-artikolu 1233(2) tal-Kodiċi Ċivili, li f'dik l-epoka kien ivarja mit-test Malti.
[55] Fol.4.
[56] Fol.52.
[57] Fol.60.
[58] Fol.5.
[59] Fol.47.

iskrittura Grima u Ellul solidalment intrabtu bejniethom li se jħallsu lill-attriċi s-somom hemmhekk imsemmija.

42. Dawn l-iskritturi kollha jidhru li ġew iffirmati «mill-partijiet kollha», ħlief skrittura waħda, u ċjoè dik ta' dejn u garanzija datata 26 t'April 2015. B'danakollu, kif rajna, il-ġurisprudenza minn żmien ilu żammet li – la darba l-iskrittura tkun titratta obbligazzjoni unilaterali (u fl-ispeċi ġie proprju deċiż li l-kuntratt ta' garanzija huwa tali) – huwa suffiċċjenti li l-iskrittura tkun iffirmata minn min qed jintrabat. B'żieda mal-ġurisprudenza diġà ċitata, tista' wkoll issir riferenza għad-deċiżjoni ***Oreste Brincat nomine vs. Perit u Arkitett Carmelo Falzon et pro et noe*** (Appell Kummerċjali, 17 ta' Ġunju 1991)[60], fejn intqal hekk: «*L-aċċent qiegħed u għandu jkun fuq il-**validità** – ta' kull garanzija miktuba u ffirmata mill-garanti biss, inklużi d-diversi garanziji li jsiru fl-atti ġudizzjarji li rarissimament ikollhom il-firma tal-kreditur. Anzi, difatti, l-garanziji bankarji **kollha** li jiġu depositati fir-Reġistru ta' dawn il-Qrati wara l-mandati ta' qbid, u l-aktar, wara l-mandati ta' impediment ta' safar tal-persuna **qatt** ma jkollhom fuqhom il-firma tal-kreditur, imma qatt ħadd ma ddubita mill-validità tagħhom. U dawn huma, illum, mijiet kull sena*».

43. La darba Nazzareno Ellul iffirma b'ismu, u jidher li kien kapaċi jiffirma b'ismu kif jirriżulta anki mix-xiehda tal-intervenuti, mela ma kinitx meħtieġa l-awtentikazzjoni skont l-artikolu 634 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili. Hija però neċessarja il-verifika tal-kitba.

44. Nazzareno Ellul kien mejjet meta ġew istitwiti dawn il-proċeduri, u għalhekk ma setgħetx issir id-dikjarazzjoni msemmija fl-artikolu 634(1) tal-Kodiċi preċitat, u kwindi l-preżunzjoni hemmhekk kontenuta ma ssibx applikazzjoni. Dan ifisser li kien jinkombi fuq l-attriċi illi tressaq prova xierqa tal-verifika tal-kitba. Kif rajna, il-mod kif din il-verifika tista' ssir huwa mfisser fl-artikolu 635, u fost il-modi hemmhekk imsemmija hemm li l-kitba tista' tiġi verifikata «*b'xhieda li raw lill-persuna tikteb jew tiffirma d-dokument*».

[60] Mhux pubblikata.

45. L-attriċi pproduċiet bħala xhud tal-firem lil Conrad Pisani, li kkonferma l-firem li jidhru fuq l-iskritturi msemmija fil-paragrafi (ii), (iii) u (v) aktar qabel, u li huwa kien xhud tal-firem. Dwar l-iskritturi msemmija fil-paragrafi (i) u (iv) aktar 'il fuq, huwa għaraf l-iskritturi iżda ma ddikjarax li l-firem saru quddiemu. Fl-iskritturi verifikati minn Pisani, isem l-attriċi huwa muri ċar u ma ġiex miktub bl-idejn, u għalhekk ir-raba' eċċezzjoni tal-intervenuti wkoll m'għandhix bażi.

46. Il-Qorti għalhekk tqis li l-firma ta' Nazzareno Ellul (u ta' Grima) fuq l-iskritturi identifikati minn Conrad Pisani ġiet verifikata. Din il-verifika però ma kinitx torbot idejn l-eredità konvenuta jew l-intervenuti, għaliex dawn baqgħu liberi li jressqu provi li permezz tagħhom setgħu iġibu fix-xejn il-verifika tal-firem magħmula minn Pisani. Wara kollox, id-diversi modi kif il-kitba tista' tiġi verifikata ma jeskludux il-waħda lill-oħra, u ma teżistix xi ġerarkija bejniethom, salv għall-każ fejn il-kitba tkun verifikata minn min jagħmilha, naturalment. Kull mod ta' verifika huwa mezz ta' prova minnu nnifsu u għalhekk irid jitqies flimkien ma' kull prova oħra li ssir mill-partijiet. Fir-rigward huwa applikabbli t-tagħlim tal-kittieb ***Mattirolo***, li qal hekk[61]:

> Parimenti, non è a credersi che, con la sopra citata disposizione, il legislatore abbia inteso di attribuire un valore *diverso* all'una e all'altra prova; di guisa che quando le risultanze dell'esame dei testimoni siano contrarie alla relazione dei periti, il giudice debba riferire piuttosto all'avviso dei periti, che alle deposizioni dei testimoni. Oltrechè invero sarebbe illogico che una prova meramente *conghietturale*, desunta da una semplice rassomiglianza di caratteri, avesse, per legge, un valore superiore ad un'altra prova, che può essere *diretta*, e che, in ogni caso, può riescire più convincente; vuolsi, sempre quando il legislatore non abbia espressamente stabilito il contrario, applicare il principio *di diritto comune* in materia probatoria, secondo cui dipende dal libero apprezzamento del giudice l'estimazione delle singole prove, ed il giudice deve pronunziare in conformità della sua convinzione, ossia della *morale certezza*.[62]

[61] Trattato di Diritto Giudiziario Civile Italiano (Torino, 1903), Vol.III, §306.
[62] Konformement ara ***Lawrence Cachia Zammit et vs. Carmelo Chetcuti A.&C.E.*** (Prim'Awla, 8 ta' Novembru 1957 – Kollezz. Vol.XLI.ii.1148), kif ukoll ***Rosario Briffa vs. Geraldo Debono*** (Prim'Awla, 21 t'April 1961 – Kollezz. Vol.XLV.ii.619).

47. Iżda l-intervenuti, u l-eredità konvenuta, ma għamlu xejn biex iwaqqgħu il-verifika magħmula permezz tax-xiehda ta' Conrad Pisani. Huma la kkontro-eżaminaw lil Pisani, u lanqas ma pproduċew firem oħrajn ta' Nazzareno Ellul biex isir it-tqabbil imsemmi fl-artikolu 635(d). Lanqas ma talbu li ssir perizja kalligrafika. Xehed biss Felix Ellul li qal li l-firma fuq l-iskritturi fiha differenzi minn dik li solitament kien jagħmel Nazzareno Ellul. Din ix-xiehda iżda lanqas ma tista' titqies li tibda biex tinnewtralizza l-verifika magħmula mill-attriċi, u l-intervenuti kienu mistennija li jressqu provi aħjar minn hekk biex isostnu l-eċċezzjonijiet tagħhom.

48. Fil-bidu tal-kawża l-intervenuti kienu saħqu diversi drabi sabiex l-attriċi teżebixxi l-oriġinali ta' dawn l-iskritturi. Ġie spjegat minn Charles Bianco li dawn l-oriġinali kienu ġew eżebiti fl-atti tal-kawża bin-numru 568/2018 TA[63]. Din l-ispjegazzjoni tidher li ssodisfat lill-intervenuti, li ma baqgħux jinsistu fuq dik it-talba tagħhom.

49. Fiċ-ċirkostanzi għalhekk il-Qorti qed issib li għandha toqgħod fuq:

(i) l-iskrittura ta' dejn u garanzija bid-data 18 ta' Jannar 2010[64];
(ii) l-iskrittura datata 17 t'April 2015[65];
(iii) l-iskrittura ta' dejn u garanzija bid-data 26 ta' April 2015[66],

u għalhekk l-eċċezzjonijiet relattivi tal-intervenuti qed jiġu respinti.

Ikkunsidrat:

50. Illi fl-ewwel eċċezzjoni tagħhom, l-intervenuti jsostnu li l-attriċi ma kienx imissha ipproċediet b'talbiet għal-likwidazzjoni ta' dak dovut lilha la darba l-ammont li hija tippretendi kellu jirriżultalha ċert. Jgħidu li dan sar sabiex l-attriċi tevita li tħallas drittijiet tar-Reġistru aktar peżanti meta ressqet din il-kawża.

---

[63] Fol.410-412.
[64] Fol.52.
[65] Fol.60.
[66] Fol.47.

51. Dan jista' jkun minnu, iżda ma jolqotx il-validità tal-azzjoni tal-attriċi. Jekk tħallsu inqas drittijiet tar-Reġistru meta ġiet preżentata l-kawża, ħallsu inqas drittijiet tar-Reġistru l-istess intervenuti meta ġew biex iressqu r-risposta ġuramentata tagħhom. U f'kull każ, id-drittijiet tar-Reġistru se jibqgħu dejjem dovuti mill-attriċi lir-Reġistru, salv id-dritt ta' rigress li jista' jikkompeti lilha skont id-deċiżjoni dwar il-kap tal-ispejjeż minn din il-Qorti. Dawn id-drittijiet, jekk inħadmu b'rata aktar konservattiva minħabba li l-att promotur kien fih talbiet għal-likwidazzjoni, se jiġu fl-aħħar aġġustati skont l-ammont li jista' jiġi likwidat f'din is-sentenza, jekk l-attriċi jirnexxielha fl-azzjoni tagħha.

52. Għalhekk din l-eċċezzjoni wkoll qed tiġi respinta.

Ikkunsidrat:

53. Illi l-intervenuti eċċepew ukoll il-preskrizzjoni kwinkwennali taħt l-artikolu 2156(e) tal-Kodiċi Ċivili.

54. Mingħajr ma l-Qorti tidħol fil-kwistjoni dwar jekk l-intervenuti għandhomx il-jedd li jissollevaw l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni dwar kreditu li huwa dovut mill-eredità konvenuta, jirriżulta kjarament li f'kull każ din l-eċċezzjoni wkoll ma tistax tiġi milqugħa. Bl-iskrittura tas-17 t'April 2015, Nazzareno Ellul għaraf id-dejn tiegħu versu l-attriċi, u b'hekk ġie li rrinunzja għal kull preskrizzjoni li setgħet għalqet fir-rigward tal-ewwel dejn.

55. Għalhekk din l-eċċezzjoni wkoll hija nieqsa minn fondament.

Ikkunsidrat:

56. Illi l-aħħar żewġ eċċezzjonijiet tal-intervenuti huma fis-sens li l-kuntratti li tagħhom qed titlob l-eżekuzzjoni l-attriċi huma nulli minħabba *causa* illeċita, kif ukoll li dik il-*causa* hija simulata.

57. Dawn l-eċċezzjonijiet iżda ma ġew ippruvati bl-ebda mod, u sal-lum il-Qorti ma tafx x'inhu l-illeċitu allegat mill-intervenuti u x'inhu dak li suppost ġie simulat.

Fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħhom l-intervenuti jirreferu għal «maniġġi» u jgħidu li l-iskritturi in kwistjoni saru biss bl-iskop li jinħoloq kreditu fittizju kontra Ellul sabiex jinħataflu ġidu. Dan kollu però ma ġie ippruvat b'ebda mod. Il-Qorti għandha biss skritturi li ġew verifikati kif imiss, u li l-kontenut tagħhom jitqies ippruvat salv prova kuntrarja li però ma nġabitx.

58. Fin-nuqqas ta' provi għalhekk dawn l-eċċezzjonijiet ma jistgħux ħlief jiġu respinti.

59. Daqstant ieħor ma humiex sostnuti mill-provi l-eċċezzjonijiet tal-kuraturi deputati.

Ikkunsidrat:

60. Jonqos biss għalhekk li l-Qorti tiffissa l-ammont dovut lill-attriċi. Iż-żewġt idjun li dwarhom Ellul intrabat li jagħmel tajjeb kienu jammontaw għal €172,500 u €81,650. B'kollox għalhekk €254,150. Bianco xehed li sar ħlas akkont fl-ammont ta' €9,653[67]. Dan iħalli €244,497, li jidher għalhekk li huwa l-bilanċ dovut lill-attriċi.

61. Fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħhom l-intervenuti jgħidu wkoll li Ellul kien biss garanti, u li l-garanzija hija obbligazzjoni sussidjarja u l-kreditur dejjem jeħtieġlu jdur fuq id-debitur prinċipali qabel xejn. Dan hu minnu, iżda ma jgħoddx fejn il-garanzija tkun saret b'mod solidali mad-debitur prinċipali, kif hu l-każ odjern. Dan apparti l-fatt li fl-obbligazzjonijiet kummerċjali, is-solidarjetà hija preżunta[68].

62. L-attriċi titlob ukoll l-imgħaxijiet. Għalkemm huwa veru li t-talbiet tagħha saru għal-likwidazzjoni ta' dak dovut lilha, u jeżisti l-prinċipju li *in illiquidandis non fit mora*, huwa tant'ieħor miżmum li fejn l-ammont dovut lill-kreditur huwa faċilment determinabbli, dak il-prinċipju ma japplikax. Hekk, per eżempju, ġie deċiż li, «*Inoltre, hu ritenut fil-ġurisprudenza illi, meta d-debitu jkun ċert, jekk id-debitur*

[67] Ara x-xiehda ta' Charles Bianco, a fol.43.
[68] Artikolu 115 tal-Kodiċi tal-Kummerċ.

*ikun jaf, jew jista' faċilment jiddetermina l-ammont, kif fil-każ seta' jagħmel, il-massima "in illiquidis mora non contrahitur" mhix applikabili*» (***Spiridione L. Mizzi pr. et ne. vs. Emmanuele Falzon***, Kummerċ, 16 ta' Frar 1954)[69]. Fid-deċiżjoni ***Francis Xavier Aquilina vs. Andrew Mamo noe*** (Appell Superjuri, 19 ta' Novembru 2001) ingħad ukoll: «*...li dan il-prinċipju jkun temperat fejn tkun ovvja l-assunzjoni ta' responsabilita' għall-ħlas tad-danni u fejn allura n-nuqqas ta' likwidita' tkun tirreferi għal ammont pretiż, u mhux għall-aċċettazzjoni tar-responsabilita' għall-ħlas tiegħu. Fejn imbagħad l-ammont effettivament likwidat ikun jirriżulta li hu sostanzjalment l-istess bħal dak pretiż mill-kreditur, il-Qorti setgħet tqis li kienu jokkorru ċirkostanzi fejn kellha tassigura li d-debitur ma jiġix avvantaġġjat sempliċement mir-riluttanza tiegħu li jħallas bl-iskuża li l-ammont ma kienx determinat ġudizzjarjament, billi jiffranka l-ħlas ta' l-imgħax sakemm l-ammont jiġi definittivament likwidat*».

63. Fil-każ odjern l-ammonti pretiżi mill-attriċi kienu evidenti mill-iskritturi li fuqhom ibbażat l-azzjoni tagħha. Però l-ftehim kien li l-imgħax bir-rata ta' 8% kellu japplika biss jekk id-debituri jiddekadu mill-benefiċċju tat-terminu. Ma jirriżultax li l-attriċi qatt ħadet azzjoni meta Grima u Ellul naqsu milli jżommu mal-pagamenti rateali mposti fuqhom[70], u għalhekk l-imgħax bir-rata ta' 8% beda jiddekorri biss meta għadda ż-żmien li fih suppost tħallas id-dejn.

64. Fil-każ taż-żewġt idjun, dan iż-żmien kellu jiskadi fil-mori tal-kawża, u għalhekk iż-żmien tal-imgħax jista' jitqies li jibda permezz tal-istituzzjoni ta' din il-kawża, u ċjoè l-jum li fih saret talba għall-ħlas.

65. Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:

(i) tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-kuraturi deputati għall-eredi mhux magħrufa ta' Nazzareno Ellul;

[69] Kollezz. Vol.XXXVIII.iii.642.
[70] Ara dwar il-ħtieġa li d-dekadenza mit-terminu tintalab ġudizzjarjament id-deċiżjoni ***Mark William Grima et vs. Automated Revenue Managements Services Ltd pro et noe***, Prim'Awla, 16 ta' Mejju 2024.

(ii) tiċħad l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni taħt l-artikolu 2156(e) tal-Kodiċi Ċivili;

(iii) tiċħad il-kumplament tal-eċċezzjonijiet tal-intervenuti fil-kawża;

(iv) tilqa' l-ewwel u t-tieni talbiet tal-attriċi billi tiddikjara li l-eredi mhux magħrufa ta' Nazzareno Ellul huma debituri tagħha fl-ammont ta' mitejn erbgħa u erbgħin elf erba' mija sebgħa u disgħin Ewro (€244,497);

(v) tilqa' t-tielet talba billi tikkundanna lill-eredi mhux magħrufa ta' Nazzareno Ellul iħallsu lill-attriċi l-ammont ta' mitejn erbgħa u erbgħin elf erba' mija sebgħa u disgħin Ewro (€244,497), u dan bl-imgħax kummerċjali dekorribbli mill-24 ta' Mejju 2018 sal-jum tal-ħlas effettiv;

(vi) tikkundanna lill-eredi mhux magħrufa ta' Nazzareno Ellul jħallsu l-ispejjeż tal-kawża, salv u mpreġudikat kull dritt tal-kuraturi deputati, u b'dan illi l-intervenuti fil-kawża jħallsu l-ispejjeż tagħhom stess.

Onor. Mark Simiana, LL.D
Imħallef

Lydia Ellul
Deputat Reġistratur